MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 749/2013

Cutajar **Joseph Mary, f'ismu proprio u bħala mandatarju ġenerali ta' oħtu msiefra Jane mart Emanuel Catania minnu divorzjata, Tereza armla minn Charles Zammit, Maria Emanuela mart Dimitri Ladas, Maria Roza u Tarcisio aħwa Cutajar**

**-vs-**

**Muscat Moses u Muscat Jeff**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramenta tal-atturi, preżentat fil-5 t'Awissu 2013 li permezz tiegħu ppremettew:

Illi r-rikorrenti huma komproprjetarji flimkien ma' oħthom oħra tal-għalqa magħrufa "Ta' Burbagar" limiti tal-Qrendi;

Illi r-rikorrent Joseph Mary Cutajar jaħdem l-istess raba';

Illi riċentement l-intimati jew min minnhom qabdu u għalqu l-aċċess għall-istess raba' u qegħdin jokkupaw l-istess raba';

Illi l-aġir tal-istess intimati jikkostitwixxi att spoljattiv, vjolenti, riċenti u klandestin fil-konfront tal-istess rikorrenti;

Għalkemm debitament interpellati sabiex ineħħu kull ingombru u jirriprestinaw l-aċċess tar-rikorrenti għall-istess għalqa kif ukoll l-istat anteċedenti u jivvakaw mill-istess għalqa, l-intimati baqgħu inadempjenti;

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ikkommettew spoll vjolenti, riċenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti;

2. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ineħħu kull ingombru u jirriprestinaw l-aċċess tar-rikorrenti għall-istess għalqa u għall-istat anteċedenti taħt is-superviżjoni ta' Arkitett u Inġinier Ċivili li jiġi nominat minn din l-Onorabbli Qorti a spejjeż tagħhom fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-istess Onorabbli Qorti;

3. Tawtorizża lir-rikorrenti sabiex fin-nuqqas tal-intimati jew min minnhom jagħmlu dawk ix-xogħlijiet ritenuti hekk neċessarji u opportuni a spejjeż tal-istess intimati.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni li qed jiġi pprezentat kontestwalment kontra l-intimati mill-lum inġunti għas-subizzjoni u salv kull azzjoni spettanti kontra tagħhom.

Rat in-nota t'ammissjoni tal-konvenut preżentata fit-18 ta'Settembru 2013 fejn iddikjara illi l-vertenza kienet ġiet tranżatta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2014 li permezz tagħha rrinunzjaw għat-talba fil-mertu *stante* li l-ingombru li dwaru saret il-kawża tneħħa fil-mori tal-kawża, u konsegwentement talbu li tingħata sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż, liema talba ġiet akkolta u l-kawża tħalliet għal-lum biex tingħata sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż;

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tipprovdi dwar il-mertu, tikkundanna lill-konvenut biex iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------